# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 24 ta' Novembru 2017**

**Numru 12**

**Rikors numru 392/09 RGM**

**Nicolai Magrin**

**v.**

**Marie Gabrielle Magrin**

**Il-Qorti:**

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Familja fit-22 ta' Settembru 2016 li qed tigi riprodotta ghall-ahjar intendiment;

> "Rat ir-rikors tal-attur tad-19 ta' Lulju 2016 li permezz tieghu ippremetta u talab is-segwenti:-
>
> ""Illi ssir referenza ghan-Nota tar-Registratur, Qrati Civili u Tribunali, prezentata nhar is-16 ta' Gunju 2016 (fo1. 597), li tindika li wara li saret ir-ricerka fil-process innifsu, kif ukoll fis-sistema kompjuterizzata 'Lecam'

u fir-Registru nnifsu, ma rrizultax li r-risposta ghall-kontrotalba (fol. 42) giet ipprezentata;

"Illi qabel xejn ghandu jigi indikat li huwa biss issa li l-avukat sottofirmat u prezentament rapprezentant tar-rikorrent, sabet illi fir-rigward tal-kontrotalba r-rikorrent huwa meqjus bhala kontumaci. Dan stante li matul il-kawza odjerna kienu numru ta' drabi l-istanzi li r-rikorrent kellu jbiddel ir-rapprezentant legali, u li ghaldaqstant ma kinitx ir-rapprezentant legali prezenti li fil-perjodu li r-rikorrent gie notifikat bir-risposta guramentata u bir-rikors ta' kontrotalba, li kienet qed tagixxi bhala l-avukat tal-istess rikorrent;

"Illi tul dan il-perjodu sakemm ir-rikorrent gie mgharraf bin-nuqqas tar-risposta ghall-kontrotalba mertu ta' dan ir-rikors, ir-rikorrent minn dejjem kien taht l-impressjoni li hu kien partecipi f'dak kollu li kien mistenni minnu, u li ghaldaqstant iddefenda ruhu bl-ahjar mod possibli ghal kontrotalba li saret fil-konfront tieghu;

"Illi r-rikorrent m'huwiex intiz fil-qasam legali u l-procedura li wiehed ghandu jaderixxi f'kawza ta' din ix-xorta, u ghaldaqstant dejjem qeda d-dover tieghu billi jgharraf lir-rapprezentanti legali tieghu b'kull dokument legali li huwa rcieva, u l-istess ghamel fir-rigward tar-rikors guramentat tal-intimata rikonvenjenti;

"Illi hekk kif gie ritenut mill-Qrati Maltin, fosthom f'Vella pro et noe vs Vella', l-istitut tal-kontumacja huwa msejjes fuq il-presuppost illi l-intimat, bin-nuqqas tieghu wera kontumelia u dispett ghas-sejha tal-Qorti, u hija din id-disubbidjenza, animata psikologikament b'dawk il-fatturi ta' kontumacja u dispett, li l-ligi trid tirreprimi u tippunixxi;

"Illi kif johrog car mill-verbali tal-kawza odjerna, ir-rikorrent ma jistax jigi kkunsidrat bhala persuna li ma kienx prezenti ghas-seduti fil-kawza, jew li ma qediex l-obbligi tieghu fejn rikjest mill-Qorti matul il-kawza, jew li b'xi mod prova juri dispett ghas-sejha tal-Qorti. Illi ohrog car li r-rikorrent dejjem ikkollabora u kien partecipi tul il-kawza odjerna tant li kien hu stess li intavolaha u ghad ghandu interess kbir fl-istess kawza, u li ghalhekk ghandu jirrizulta lil din l-Onorabbli Qorti li n-nuqqas ta' risposta ghall-kontrotalba tal-intimata rikonvenjenti kien biss eccezzjoni fejn ic-cirkostanzi kienu tali li r-rikorrent kien dejjem taht l-impressjoni li r-rapprezentant legali tieghu rrisponda ghall-kontrotalba meta dan ma kienx il-kaz;

"Illi l-kontrotalbiet imressqa mill-intimata rikonvenjenti huma tali li l-ghan taghhom hu li jtellfu d-dritt tar-rikorrent milli jkollu s-setgha ta' genitur fuq il-wild taz-zewg partijiet, u cioe' Demi Magrin, u li jillimitaw id-dritt tal-access tar-rikorrent u li sahansitra anke li l-imsemmi dritt jintilef. Illi n-nuqqas ta' kontestazzjoni mir-rikorrent ghat-tali kontrotalbiet certament li tistona mat-talbiet li r-rikorrent konsistentament ghamel matul il-kawza

odjerna sabiex id-dritt tal-access ta' bintu jigi salvagwardjat. Illi ghaldaqstant dan hu prova cara kemm l-attur ma kienx konsapevoli tal-fatt li l-imsemmija kontrotalbiet ma gewx ikkontestati u kien biss zvista li ma kinitx fil-kontroll tieghu li wasslet ghan-nuqqas tar-risposta;

"Illi hekk kif johrog car mill-process innifsu, saru numru ta' tentattivi sabiex ir-rikorrent ikun notifikat bir-risposta guramentata u l-kontrotalba, li izda madankollu irrizultaw fin-negattiv, u kien biss fil-25 ta' Marzu 2011 li l-esponent skont ir-riferta gie notifikat bil-kontrotalba. Nonostante dan, fil-perjodu li r-rikorrent kien ghadu ma giex notifikat, bdew isiru seduti quddiem l-Assisstent Gudizzjarju Dr. Fransina Abela li ghalihom ir-rikorrent attenda, u sew imressqa provi, minkejja li r-rikorrent kien ghadu ma giex mgharraf u notifikat bir-risposta u r-rikors tal-kontrotalba. Illi ghaldaqstant tali seduti ma kellhomx isiru qabel ma r-rikorrent jigi notifikat bir-risposta u kontrotalba.

"Illi qed tingibed l-attenzjoni li l-procedura lanqas ma giet segwita minhabba l-fatt li inizzjalment kien sar tentattiv sabiex l-avukat ta' dak iz-zmien tar-rikorrent jigi notifikat bir-risposta u r-rikors tal-kontrotalba, u dan kontra l-procedura li jkun ir-rikorrent innifsu li jigi notifikat b'tali dokumenti legali ghalkemm imbaghad sussegwentement, xhur wara li bdew il-provi jidher li gie notifikat missier ir-rikorrent bl-istess risposta guramentata u kontro-talba;

"Illi dan kollu juri li n-nuqqas li tigi intavolata risposta ghall-kontro-talba da parti tar-rikorrent ma kienx minhabba xi disrispett lejn l-Awtorita' ta' din l-Onorabbli Qorti jew xi nuqqas ta' interess fil-proceduri u ghalhekk ir-rikorrent umilment jissottometti 1i ghandu jinghata l-opportunita' li jwiegeb ghal tali kontro-talba;

"Illi ssir referenza ghal Noel Calleja et vs Middlesea Valletta Life Assurance Co. Limited, fejn inghad "...li l-Qrati taghna ddecidew li r-rigorozita' tal-procedura ghandha tigi mitigata fis-sens li fejn il-Qorti tkun sodisfatta li ma kien hemm ebda nuqqas volut min-naha tal-persuna mharrka li jista' jammonta ghal htija, m'ghandu jkun hemm l-ebda diffikulta' li l-kontumacja titqies bhala wahda gustifikata". Illi in konsiderazzjoni tar-ragunijiet moghtija f'dan ir-rikors, ir-rikorrent jikkontendi li hu ghamel dak kollu fis-setgha tieghu sabiex il-kontrotalbiet jigu kkontestati u ghaldaqstant il-kontumacja ghandha titqies bhala wahda gustifikata;

"Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti

> "1. Tiddikjara li s-sanzjoni tal-kontumacja hija punittiva wisq fic-cirkustanzi partikolari tal-kaz u li ghaldaqstant din is-sanzjoni titnehha u

"2. Taghti l-opportunita lir-rikorrent li jirrispondi u jikkontesta l-kontrotalbiet li gew imressqa kontrih u

"3. Taghti l-opportunita lir-rikorrent li jressaq id-difiza tieghu ghall-kontrotalbiet li gew imressqa kontrih."

"Rat ir-risposta tal-konvenuta tat-12 ta' Awwissu 2016.

"Semghat it-trattazzjoni tal-Avukati tal-partijiet fl-udjenza tas-7 ta' Settembru 2016.

"Rat li r-rikors thalla ghallum ghad-digriet.

"Ikkunsidrat;

"Mill-atti jirrizulta li l-attur ma pprezentax risposta guramentata ghat-talbiet rikonvenzjonali mressqa mill-konvenuta rikonvenzjonanti.

"Ghal dan in-nuqqas l-attur jaghti s-segwenti ragunijiet:-

"1. Fil-kors tal-kawza l-attur biddel diversi drabi l-Avukat difensur tieghu u ghalhekk l-Avukat difensur prezenti ma kinitx l-Avukat tal-attur fiz-zmien rilevanti;

"2. Illi l-attur minn dejjem kien taht l-impressjoni li kien ipprezenta risposta ghall-kontro talba tal-konvenuta.

"3. Illi ghalkemm l-attur ma hux persuna intiz fil-qasam legali, huwa dejjem ghadda lill-Avukati difensuri tieghu matul iz-zmien kull att li kien jircevi mill-Qorti;

"4. Illi l-attur ma jistax jigi kkonsidrat li huwa persuna li wera nuqqas ta' interess fil-proceduri gudizzjarji minnu stess istitwiti;

"5. Illi tul il-kors tal-kawza l-attur ma kienx konsapevoli li ma gietx prezentata risposta guramentata ghan-nom tieghu ghall-kontro-talba.

"6. Illi kien biss fil-25 ta' Marzu 2011 li l-attur gie notifikat bil-kontro talba wara diversi tentativi bla success.

"7. Illi fil-perijodu antecedenti tali notifika bdew jigu mizmuma seduti quddiem l-Assistant Gudizzjarju u kien hu stess li beda jressaq il-provi.

"8. Illi dan kollu juri li l-attur ma kellu l-ebda hsieb li jitraskura l-process gudizzjarju minnu stess istitwit jew li juri disrispett lejn il-Qorti.

"Ikkunsidrat;

**"Ligi u Gurisprudenza.**

**"Artikolu 156 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta** jipprovdi illi**:-**

""(1) Ir-rikors ġuramentat għandu jitlesta mill-attur u għandu jkun fih –

"(a) dikjarazzjoni li tfisser b'mod ċar u sewwa l-oġġett tal-kawża f'paragrafi numerati separatament, sabiex isaħħaħ it-talba tiegħu u jiddikjara wkoll liema fatti huwa jaf bihom personalment;

"(b) ir-raġuni tat-talba;

"(ċ) it-talba jew it-talbiet li għandhom ikunu enumerati; u

"(d) f'kull rikors ġuramentat għandu jkun hemm stampat b'ittri ċari u preċiżi taħt l-intestatura tal-Qorti dan il-kliem li ġej:

""Min jirċievi dan ir-rikors maħluf kontra tiegħu għandu jippreżenta r-risposta maħlufa tiegħu fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika, cioè minn meta jirċeviha. Jekk ma tiġix ippreżentata r-risposta maħlufa bil-miktub kif trid il-liġi saż-żmien imsemmi, il-Qorti tgħaddi biex tagħti d-deċiżjoni skont il-liġi.

"Għalhekk huwa fl-interess ta' min jirċievi dan ir-rikors maħluf li jkellem avukat bla dewmien sabiex il-Qorti tisma' x'għandu xi jgħid fil-kawża."

**"Artikolu 158 (10) tal-Kap 12** tal-Ligijiet ta' Malta:-

"(10) Jekk il-konvenut jonqos li jippreżenta r-risposta ġuramentata msemmija f'dan l-artikolu, il-qorti tiddeċiedi l-kawża bħallikieku l-konvenut baqa' kontumaċi kemm-il darba ma jippruvax għas-sodisfazzjon tal-qorti raġuni tajba li għaliha naqas li jippreżenta r-risposta ġuramentata fiż-żmien li jmiss. Il-qorti għandha, madankollu, qabel ma tagħti s-sentenza, tagħti lill-konvenut żmien qasir li ma jistax jiġġedded biex fih jagħmel sottomissjonijiet bil-miktub biex jiddefendi ruħu kontra t-talba tal-attur. Dawk is-sottomissjonijiet għandhom jiġu notifikati lill-attur li jkollu żmien qasir biex jirrispondi."

**"Artikolu 396.**

““Fil-kawżi, l-konvenut jista’ jagħmel kontro-talba kontra l-attur, basta li din il-kontro-talba tkun konnessa mat-talba tal-attur kif sejjer jingħad hawn taħt:

“(a) meta l-kontro-talba tal-konvenut tkun ġejja mill-istess fatt, jew mill-istess kuntratt jew titolu li minnu tkun ġejja t-talba tal-attur; jew

“(b) meta l-iskop tal-kontro-talba tal-konvenut huwa li jpaċi l-kreditu mitlub mill-attur, jew li b’kull mod ieħor iġib fix-xejn l-azzjoni tal-attur jew li jimpedixxi l-effetti tagħha.”

**“Artikolu 397.**

““L-effett tal-kontro-talba, rigward il-proċedura, huwa dak li dwar it-talba oriġinali u l-kontro-talba jsir proċess wieħed u li ż-żewġ talbiet jiġu deċiżi fl-istess kawża.”

**“Artikolu 398.**

““(1) Il-konvenut li jkun irid jipproponi r-rikonvenzjoni, għandu jagħmel il-kontro-talba tiegħu fir-risposta bil-miktub għar-rikors ġuramentat jew le.

“(2) Il-kontro-talba għandha titressaq wara l-eċċezzjonijiet għat-talba oriġinali li jsiru kif meħtieġ bil-liġi; u l-konvenut għandu, dwar il-kontro-talba jħares, kemm jista’ jkun, ir-regoli stabbiliti b’dan il-Kodiċi jew b’xi liġi oħra għall-att proċedurali li bih il-proċedimenti kienu l-ewwel inbdew.

“(3) Meta l-proċedimenti jkunu b’rikors ġuramentat, kontro-talba magħmula fir-risposta ġuramentata tkun tiswa daqs preżentata ta’ rikors ġuramentat dwar dik it-talba, li għandha tiġi notifikata lill-attur, li għandu jipproċedi daqslikieku kien il-konvenut dwarha;

“u f’kull każ bħal dan, l-egħluq tal-proċedimenti preliminari bil-miktub u l-applikazzjoni tal-artikoli 151 u 152 għandhom jibdew mal-preżentata ta’ dik ir-risposta ġuramentata mill-attur jew malli jagħlaq iż-żmien għall-preżentata tagħha.”

**“Artikolu 400.**

““Il-konvenut ma jistax jipproponi l-kontro-talba fi kwalità oħra minn dik li fiha jkun imħarrek, lanqas ma jista’ jipproponi l-kontro-talba kontra l-attur fi kwalità oħra minn dik li fiha dan ikun deher fit-talba tiegħu.”

**“Artikolu 401.**

""Jekk, f'kawża li fiha l-konvenut jipproponi l-kontro-talba, l-attur jirrinunzja b'xi mod li jkun għall-atti, il-konvenut jista' dejjem jitlob li tiġi deċiża l-kontro-talba miġjuba 'l quddiem skont il-liġi."

"Ikkunsidrat;

"Id-decizzjoni l-aktar iccitata f'materja ta' kontumajca hija dik fl-ismijiet **Vittoria Cassar vs Carmelo Vassallo** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-29 ta' Mejju 1937 (Vol XXIX.i.1581) mill-Imhallef William Harding fejn fiha gew elenkati l-principji li gejjin rigwardanti l-kontumacja:-

"(1) Il-kontumacja ma tistax tigi ritenuta gustifikata jekk kienet volontarja;

"(2) Lanqas tista' tigi gustifikata jekk kienet almenu kolpuza;

"(3) Biex ikun hemm lok ghall-gustifikazzjoni hemm bzonn li tigi pruvata kawza gusta;

"(4) Din il-kawza gusta ghandha tkun tikkonsisti f'impediment legittimu;

"(5) L-impediment, biex ikun legittimu, ghandu jkun indipendenti mill-volonta` tal-kontumaci;

"(6) L-izball m'hux impediment legittimu jekk ma jkunx zball invincibbli, ghaliex jekk ikun vincibbli, allura jigi ekwiparat ghall-kolpa;

"(7) Dan l-impediment legittimu jista' jkun, kif intqal, "una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili";

"(8) L-impossiblita' li wiehed jidher ghas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta` gravi, biex tista' tikkostitwixxi impediment legittimu ghandha tkun fizika, u eccezzjonalment biss tista' tkun morali.

**"Noel Calleja et vs Middlesea Valletta Life Assurance Co. Ltd** – Qorti ta' l-Appell 28 ta' Jannar 2005:-

""L-istitut tal-kontumacja minn dejjem kien suggett ta' kontroversja. Dan hu hekk minhabba l-fatt li l-effetti tieghu – ta' natura punittiva – huma odjuzi. L-istitut tal-kontumacja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imharrek, bin-nuqqas tieghu li jwiegeb ghax-xilja u t-talba tal-parti attrici,

ikun wera dispett lejn is-sejha tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-ligi thares lejh bhala ghemil li jisthoqqlu piena – dik li ma jkunx jista' jindahal fit-tressiq ta' provi billi dan jammonta ghal forma ta' dizordni socjali……… Dik il-prezenza ta' l-imharrek – fatt fih innifsu pozittiv – hija invece mehtiega bhala parti mill-indagni li tkun trid issir mill-Qorti biex tistabilixxi jekk kienx hemm tassew "kawza gusta" jew le. Dan hu hekk ghar-raguni li l-gustifikazzjoni ta' kontumacja ghandha tibqa' titqies bhala eccezzjoni ghar-regola li l-imharrek hu tenut li jwiegeb bil-miktub b'nota fiz-zmien stipulat fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedurali Civili, u bhala tali l-eccezzjoni m'ghandha qatt tipprevali u tissupera dik li hija r-regola."

"(Ara wkoll. **Vella pro et nomine v. Vella**, Appell Kummercjali, 21 ta' Mejju 1993, Koll. Vol. LXXVII – II – 170); **Paul Grixti vs Direttur tax-Xogholijiet Pubblici**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell Civili fit-12 ta' Dicembru 1975, **Margaret Bugeja et vs Alfred Ellul** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-13 ta' Jannar, 1999.); "**Samchrome Fze vs Koncar Danko Et**" -Qorti tal-Appell deciza fil-11 ta' Marzu 2016).

"Il-Qorti taghmel referenza b'mod partikolari ghas-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' April 2003 fl-ismijiet "**Waldonet Limited vs David Thake**":-

""Il-kontumacja m'ghandhiex titqies bhala stqarrija jew ammissjoni ta' l-imharrek ghal dak li jkun qieghed jintalab jew jigi allegat kontrih mill-parti attrici: ghall-kuntrarju, il-kontumacja tqieset bhala kontestazzjoni, u l-bdil li sar fil-ligi procedurali fl-artikolu 158 bl-Att XXIV tal-1995 jidher li jtenni din il-fehma. Min-naha l-ohra, l-istitut tal-kontumacja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imharrek, bin-nuqqas tieghu li jwiegeb ghax-xilja u t-talba tal-parti attrici, ikun wera dispett lejn is-sejha tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-ligi thares lejh bhala ghamil li jisthoqqlu piena - dik li ma jkunx jista' jindahal fit-tressiq ta' provi - bhala element ta' disordni socjali.

"Fuq ix-xaqliba l-ohra, u minhabba l-effett irriversibbli li l-kontumacja ggib maghha, il-Qrati taghna ddecidew li r-rigorosita' tal-procedura ghandha tigi applikata u mfissra b'mod restrittiv fis-sens li fejn il-Qorti tkun soddisfatta li ma kien hemm l-ebda nuqqas volut min-naha tal-persuna mharrka li jista' jammonta ghal htija, m'ghandu jkun hemm l-ebda diffikulta' li l-kontumacja titqies gustifikata.

"Meta u jekk il-Qorti ssib li l-kontumacja ta' persuna mharrka hija gustifikata u thalli lil dik il-parti tressaq id-difiza taghha, ma tkunx b'daqshekk biss titqies li qeghda tikkastiga lill-attur, imma biss tregga' f'postu l-ekwilibriju tal-partijiet fl-ahjar istruzzjoni tal-gudizzju. Wara kollox, kull min jiftah kawza kontra parti ohra (ghalkemm forsi jittama

ghall-kuntrarju) dejjem jistenna li l-parti l-ohra, malli tircievi l-atti tac-Citazzjoni sejra tressaq il-kontestazzjoni taghha.

“Il-principji li jirregolaw jekk il-kontumacja hijiex bi htija jew le, gew ghadd ta' drabi mfissra u elenkati. Il-principji huma li: (a) il-kontumacja mhix gustifikata jekk kienet volontarja; (b) jew jekk kienet kolpuza; (c) li jehtieg li biex tkun gustifikata tigi murija raguni gusta ghas-sudisfazzjon tal-Qorti; (d) liema raguni gusta trid tissarraf f'impediment legittimu; (e) li tali impediment irid ikun indipendenti mir-rieda tal-persuna kontumaci; minbarra dan, (f) sabiex zball ikun meqjus bhala impediment legittimu, irid ikun zball invincibbli b'mod li (g) l-impediment legittimu li jzomm lill-parti milli tressaq id-difiza taghha irid ikun dik li bnadi ohra ssejhet bhala una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili; u (h) li l-impossibilita' li l-imharrek jikkontesta t-talba jew li jidher ghas-subizzjoni trid tkun gravi u fizika, u eccezzjonalment biss, wahda morali.

“Sa minn dejjem, il-Qrati taghna qiesu li jaghmlu differenza bejn il-kontumacja ta' tort u dik gustifikabbli. Huma ssoktaw b'din il-linja wkoll sa zminijiet ricenti u ddistingwew bejn il-konvenut li juri disinteress assolut u l-iehor li juri kull fehma li jikkontesta l-kawza u li ma lahaqx ghamel dan ghal raguni li ma kienx jahti ghaliha.

“Minbarra dan u bil-hsieb li tingharaf ahjar il-kontumacja li tisfida lill-awtorita' tal-Qorti minn dik imgarrba minn cirkostanzi validi, xi decizjonijiet ta' dawn l-ahhar zminijiet sehqu li biex tissussisti l-kontumacja tal-ewwel ghamla din trid tkun kemm fl-atti tal-kawza u kif ukoll fl-udjenza, imfissra din fis-sens shih tal-kelma.

“Dwar x'iwassal lill-kontumacja biex titqies bhala wahda kolpuza inghad li l-kolpa tikkonsisti fl-omissjoni tal-konvenut li, in konformita' mad-doveri imposti mil-ligi, jonqos li jaghmel l-arrangamenti necessarji, fid-dar u fil-post tax-xoghol, biex jaslu ghandu l-ittri registrati li jaslulu, jew meta jaghmel dawk l-arrangamenti imbaghad jonqos li jsir jaf b'dak li suppost ikun jaf.. Il-kazijiet fejn ikun hemm nuqqasijiet pruvati tat-terzi persuni li jircievu l-atti bil-posta, jitolbu konsiderazzjoni ohra, u li jridu jigu risoluti skond il-konkretezza ta' kull kaz.

“Ghal dak li jirrigwarda l-kontumacja mahluqa minhabba l-imgiba jew l-operat ta' terza persuna in partikolari avukat, il-Qrati taghna gharfu bejn dawk il-kazijiet fejn l-imgiba ta' avukat imqabbad tempestivament mill-parti mharrka wasslet biex din taqa' kontumaci (f'liema kaz il-Qorti normalment tippermetti li l-imharrek jithalla jikkontesta l-kawza) minn dawk fejn il-parti mharrka ma tersaqx ghand avukat f'waqt xieraq, jew tibqa' tittrattjeni sal-ahhar, jew tonqos li tikkomunika kif imiss ma' avukat b'impenn serju li ma thallix iz-zmien ghat-tressiq ta' Nota tal-Eccezzjonijiet jghaddi ghal xejn.

> "Il-principju ewlieni tal-haqq naturali tal-audi alteram partem jitfa' responsabbilta' mhux zghira fuq il-gudikant li jgharbel bl-akbar reqqa u qies xilja li twassal lil xi wahda mill-partijiet li tigi mizmuma milli tressaq il-kaz taghha quddiem it-tribunal li jkun."

"Ikkunsidrat;

"L-attur jiddikjara li huwa dejjem ghadda d-dokumenti li irceva mill-Qorti lill-Avukat li jkun qed jippatrocinah. Isostni illi tant ma kienx traskurat f'dawn il-proceduri illi sahansitra beda jressaq il-provi tieghu quddiem l-Assistant Gudizzjarju minn qabel ma gie notifikat bir-risposta guramentata u l-kontro-talba.

"Kif spjegat fil-gurisprudenza kopjuza appena citata, l-piena fil-konfront tal-parti f'kawza li tigi dikjarata kontumaci hi illi mhux biss ma tithalliex tressaq eccezzjonijiet formali izda lanqas tithalla tressaq provi. L-unika dritt moghti lill-parti kontumaci huwa illi lejn il-konkluzzjoni tal-kawza tithalla taghmel sottomissjonijiet qabel mal-kawza tigi deciza.

"Jirrizulta mill-atti illi l-fatt li l-attur naqas milli jipprezenta risposta guramentata ghall-kontro talba tal-konvenuta ma ipprekludiehx milli jressaq provi, sew fir-rigward tat-talbiet attrici kif ukoll fir-rigward tat-talbiet rikonvenzjonali. L-attur ma hux qed jikkontesta n-notifika lilu tal-kontro talba. Anzi jghid illi kull dokument gudizzjarju li irceva, inkluz il-kontro talba, ghaddiha lill-Avukati tieghu fiz-zmien rilevanti. L-Avukati difensuri tieghu matul is-snin kienu ben konsapevoli tat-talbiet rikonvenzjonali u ghalhekk l-attur rikonvenzjonat ressaq il-provi tieghu fir-rigward. Kienet biss l-Avukat difensur attwali tal-attur illi rrealizzat li l-attur ma kienx ipprezenta risposta guramentata ghall-kontro-talba tal-konvenuta.

"Jirrizulta ghalhekk illi in-nuqqas li l-attur jipprezenta r-risposta guramentata de quo ma swielu ta' l-ebda impediment sabiex iressaq il-provi kollha tieghu fir-rigward tat-talbiet rikonvenzjonali. Fl-ebda mument tal-kawza ma l-attur kien impedut milli jressaq provi sew fir-rigward tat-talbiet attrici kif ukoll fir-rigward tat-talbiet rikonvenzjonali, kif fil-fatt ghamel minghajr l-ebda xkiel.

"Huwa evidenti ghall-Qorti illi in-nuqqas ta' risposta guramentata tal-attur ma irrekat l-ebda pregudizzju lill-attur f'dak li hu kumpilazzjoni ta' provi.

"Fl-udjenza li ghaliha r-rikors de quo gie appuntat ghas-smiegh l-Avukat difensur tal-attur iddikjara illi fl-eventwalita' li l-attur jithalla jipprezenta

risposta guramentata m'ghandux provi ohra xi jressaq. Dan jikkonferma il-konsiderazzjoni maghmula mill-Qorti supra illi n-nuqqas ta' risposta guramentata da parti tal-attur ma irrekatlu l-ebda pregudizzju in kwantu produzzjoni ta'xhieda.

"Dak li allura effettivament qed jitlob l-attur, seba' snin wara li giet istitwita l-kawza, huwa li jressaq eccezzjonijiet formali ghat-talbiet rikonvenzjonali.

"Ikkunsidrat;

"Huwa evidenti illi ghan-nuqqas tal-attur li jipprezenta risposta guramenta ma tahti xejn il-konvenuta rikonvenzjonanti. Ghall-kuntrarju, l-atti juru li l-konvenuta kellha taghmel diversi tentativi sabiex fl-ahhar irnexxielha tinnotifika lill-attur bil-kontro talba taghha. Ma tressqu l-ebda provi dwar dak li effettivament gara mill-kontro talba notifikata lill-attur. Isostni l-attur illi kull att gudizzjarju li irceva dejjem ghaddieh lill-Avukati li kienu jippatrocinawh matul is-snin.

"Il-Qorti hasbet fit-tul dwar il-mertu tar-rikors odjern u waslet ghall-konkluzzjoni illi m'ghandhiex tippermetti lill-attur li f'dan l-istadju ahhari tal-kawza odjerna, meta l-provi jinsabu maghmula u qed isir l-iskambju tan-noti ta' osservazzjonijiet, li tippermettielu li jipprezenta risposta guramentata ghat-talbiet rikonvenzjonali.

"Ghalkemm il-gurisprudenza Maltija l-aktar ricenti ittendi xxaqleb lejn posizzjoni mhux rigida f'dak li jikkoncerna gustifikazzjoni ta' kontumacja, in-nuqqas lamentat, irrispettivament jekk hux gej mill-attur jew inkella mill-Avukat li kien qed jippatrocinah dak iz-zmien, abbinat mat-trapass ta' seba' snin, iwasslu lill-Qorti tikkonkludi li dan in-nuqqas huwa rizultat ta' traskuragni grossolana illi ma tistax il-Qorti tinjora minghajr ma tkun fl-istess hin qed tilledi d-drittijiet tal-konvenuta.

"Il-Qorti ghalhekk qed tiddeciedi illi l-attur m'ghandux raguni valida sabiex jigi permess lilu li f'dan l-istadju jipprezenta risposta guramentata ghall-kontro talba tal-konvenuta.

**"DECIDE**

"Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi r-rikors tal-attur tad-19 ta' Lulju 2016 billi tichad l-istess.

"Bl-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali."

L-attur ghalhekk qed jappella minn din id-decizjoni u qed jitlob li jinghata opportunita` jipprezenta risposta guramentata ghall-kontro-talba tal-konvenuta li da parti taghha qed titlob konferma tas-sentenza appellata.

Ikkonsidrat:

Qabel xejn, tajjeb li l-Qorti tenunzja l-principji li jirregolaw l-istitut tal-kontumacja u meta l-Qorti taghti opportunita` lill-parti li tkun naqset li tipprezenta risposta fil-hin preskritt mil-ligi biex taghmel dan.

Is-sentenza fl-ismijiet **Vittorio Cassar –v.- Carmelo Vassallo,** Appell, Sede Inferjuri, 29 ta' Mejju 1937, (Kollez Vol XXIX pI p1581) telenka dawn il-principji in materja ta' kontumacja, u cjoe`:

> "1. Il-kontumacja ma tistax tigi ritenuta gustifikata jekk kienet voluntarja;
>
> "2. Anqas tista' tigi gustifikata jekk kienet almenu kolpuza;
>
> "3. Biex ikun hemm lok ghal gustifikazzjoni hemm bzonn li tigi pruvata kawza gusta;
>
> "4. Din il-kawza gusta ghandha tikkonsisti f'impediment legittimu;
>
> "5. L-impediment biex ikun legittimu, ghandu jkun jiddependi mill-volonta` tal-kontumaci;
>
> "6. L-izball ma hux impediment legittimu jekk ma jkunx zball invincibbli, ghaliex jekk ikun zball vincibbli, allura jigi ekwiparat ghal kolpa;
>
> "7. Dan l-impediment legittimu jista' jkun, kif intqal, *'una necessita` impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibbli'*;

> "8. L-impossibilita` li wiehed jidher ghas-subizzjoni, jew almenu d-diffikolta` gravi, biex tista' tikkostitwixxi impediment legittimu ghandha tkun fizika, u eccezzjonalment biss tista' tkun morali."

Is-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **Farrugia v. Farrugia (Appell – 1995**) esponiet il-fundament razzjonali tal-istitut tal-kontumacja, u allura wkoll il-parametri tieghu li ghandhom jigu interpretati b'mod strettissimu favur il-kontumacja:

> "… Il-Qorti tqis l-istitut tal-kontumacja bhala mizura ta' natura punittiva, necessarja biex tassigura serjeta` filprocedura u r-rispett dovut len l-atti emessi mill-Qorti. Mill-banda l-ohra proprju minhabba s-sanzjoni spiss irriversibbli li timporta, ir-rigorozita` tal-procedura ghandha tigi applikata u interpretata b'mod restrittiv, fis-sens li fejn il-Qorti tkun sodisfatta li ma kien hemm l-ebda nuqqas da parti tal-persuna notifikata li jista' jammonta ghall-culpa, anke ghax ma jistax ikun hemm kolpa fejn ma kienx hemm il-konoxxenza tan-notifika ta' l-att bhala fatt, ma ghandu jkun hemm ebda ostakolu li l-kontumacja titqies li giet gustifikata."

Illi dwar x'iwassal biex il-kontumacja titqies bhala wahda kolpuza, din il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell f'sentenza taghha tas-7 ta' Marzu, 1994, fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Delceppo v. Onorevoli Raymond Bondin et**, fejn inghad li "*il-kolpa tikkonsisti fl-ommissjoni tal-konvenut li, in konformita` mad-doveri imposti mil-ligi, jonqos li jaghmel l-arrangamenti necessarji, fid-dar u fil-post tax-xoghol, biex jaslu ghandu l-ittri registrati li jaslulu, jew meta jaghmel dawk l-arrangamenti imbaghad jonqos li jsir jaf b'dak li suppost ikun jaf. … … Il-kazijiet fejn ikun hemm nuqqasijiet pruvati tat-terzi persuni li jircievu l-atti bil-posta, jitolbu konsiderazzjoni ohra, u li jridu jigu risoluti skond il-konkretezza ta' kull kaz".* F'dik l-imsemmija sentenza l-Qorti kienet

tenniet b'enfasi li l-ligi, fl-Artikolu 187 tal-Kap. 12, tqieghed dmir fuq ic-cittadini kollha li jaqghu taht il-gurisdizzjoni taghha li jaraw u jassiguraw li dawk il-persuni kollha li jghixu maghhom fid-dar fejn joqoghdu jikkonsenjawlhom l-ittri li jircievu. Dan kollu huwa migbur tajjeb fis-sentenza tal-Prim'Awla fl-ismijiet **Helen Miceli et v. Carmelo Pisani,** deciza fit-28 ta' Ottubru 2004. Issir ukoll referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri fl-ismijiet **Fenici Insurance Agency Limited v. Paul Stoner** deciza fit-22 ta' Novembru 2002.

L-aggravji tal-appellant jistghu jigu riassunti fi ftit kliem – jilmenta li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta qalet li huwa ma kienx se jsofri xi pregudizzju bil-mankanza ta' risposta ghall-kontro-talba, li mhux minnu li huwa wera nuqqas ta' interess fil-proceduri u li l-ewwel Qorti kienet ukoll zbaljata li warrbet l-argumenti legali tieghu kontenuti fir-rikors fejn ghamel it-talba biex jisporga l-kontumacja.

Kwantu ghal pregudizzju, din il-Qorti certament taqbel mal-ewwel Qorti li l-Qrati taghna dejjem sostnew li l-kontumacja tfisser kontestazzjoni kif jidher minn dawn il-brani ta' sentenzi tal-Qrati taghna:

> "Illi, kif gie deciz minn dawn il-Qrati ghadd ta' drabi, il-kontumacja m'ghandhiex titqies bhala stqarrija jew ammissjoni min-naha tal-imharrek ghal dak li jkun qieghed jintalab jew jiāi allegat kontrih mill-parti attrici: ghall-kuntrarju, il-kontumacja tqieset bhala kontestazzjoni, u l-bdil li sar fil-ligi procedurali fl-artikolu 158 bl-Att XXIV tal-1995 jidher li jtenni din il-fehma." **(Helen Miceli v. Charles Pisani, supra).**

"Kontumacja tammonta ghal kontestazzjoni u mhux ghal semplici *'walk-over'* kif jippretendi l-appellant. Kif qalet l-ewwel Qorti, l-ahjar prova trid issir dejjem." (**Joseph Vella v. Pierre Cremona Appell, 10 ta' Ottubru 2004).**

Is-sentenza fl-ismijiet **Calleja v. Middlesea Valletta Life Assurance**, imsemmija fis-sentenza appellata tghid ukoll:

"Sfortunatament gara wkoll li maz-zmien il-flessibilita` li bdiet turi l-Qorti skond il-kaz, dejjem fl-interess tal-gustizzja, waslet ghal certa nuqqas ta' uniformita` u f'certi kazi anke waslet ghal decizjonijiet inkongruwi ghal xulxin. Kaz fejn il-fattispecie tieghu kienu pjuttost jiffavorixxu l-gustifikazzjoni tal-kontumacji gieli gie michud, filwaqt li kaz iehor fejn in-nuqqas kien jidher aktar evidenti u mhux skuzabbli gieli gie accettat bhala wiehed skuzabbli. Fil-fatt anke fil-kaz in ezami, wiehed jista' jikkostata li certi decizjonijiet u certi enuncjazzjonijiet moghtija mill-Qrati gew citati sija minn parti u sija minn ohra, u dan in proprja difesa, ghas-semplici raguni li l-punt ta' divergenza ma jkunx proprjament konness mal-principju involut imma ma' l-applikazzjoni jew ma' l-interpretazzjoni ta' l-istess principju."

F'dan l-ahhar kaz imbaghad il-Qorti applikat il-principji msemmija fil-kawza **Cassar v. Vassallo** msemmija aktar qabel u qalet li din is-sentenza kienet *punto di partenza* tajba ghal aktar konsistenza fir-rigward. Il-Qorti kompliet tghid ukoll li:

"… trid taghmilha cara li gustifikazzjoni merament bazata fuq il-prezenza tal-parti mharrka fl-ewwel appuntament tal-kawza m'huwiex bizzejjed bhala turija li ma hemmx dispett jew kontumacja lejn l-awtorita` gudizzjarja. Dik il-prezenza ta' l-imharrek – fatt fih innifsu pozittiv – hija invece mehtiega bhala **<u>parti mill-indagni</u>** li tkun trid issir mill-Qorti biex tistabilixxi jekk kienx hemm tassew "kawza gusta" jew le. Dan hu hekk ghar-raguni li l-gustifikazzjoni ta' kontumacja ghandha tibqa' titqies bhala eccezzjoni ghar-regola li l-imharrek hu tenut li jwiegeb bil-miktub b'nota fiz-zmien stipulat fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Proceduralі Civili, u bhala tali l-eccezzjoni m'ghandha qatt tipprevali u tissupera dik li hija r-regola."

Dawn il-brani mis-sentenzi citati ghalhekk iwiegbu wehedhom l-ewwel zewg aggravji tal-appellant ghaliex il-fatt wahdu li huwa ghandu interess fil-proceduri – fil-fatt bdihom huwa stess – ma jfissirx li allura ghandu jigi moghti l-fakolta` jirrispondi bil-miktub ghall-kontro-talba. Anzi l-fatt li huwa dam sitt snin biex jintebah li kien naqas li jaghmel dan jindika non kuranza mhux tas-soltu u kwindi aktar timmilita kontra tieghu – certament il-Qorti tirraviza *culpa* f'kaz bhal dan. L-argumenti mressqa fir-rigward mill-appellant ma humiex legalment sostenibbli – per ezempju ma jaghmilx sens tghid li hemm lacuna processwali ghaliex ma hemmx risposta tieghu ghall-kontro-talba – dan kien biss nuqqas tieghu illi ma jistax ipatti ghalih issa ghaliex intebah bl-istess nuqqas meta l-kawza waslet biex tigi deciza.

L-ahhar aggravju jirrigwardja principalment il-fatt li bdew jinstemghu l-provi qabel ma kienu inghalqu l-proceduri bil-miktub. Dan ma ghandu ebda rilevanza ghal dan l-appell ghaliex l-appellant gie notifikat bil-kontro-talba u kien ghalhekk li huwa ghamel it-talba biex jigi awtorizzat jipprezenta r-risposta wara illi naqas li jaghmel dan fiz-zmien preskritt mil-ligi. Il-fatt li bdew jinstemghu l-provi qabel inghalqu l-provi bil-miktub gie sanat bl-istess presenza, nuqqas ta' oggezzjoni u allura akwijexxenza tal-partijiet bis-smiegh tal-provi kollha.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant il-Qorti tiddeciedi l-appell billi tichdu u tikkonferma s-sentenza appellata interament u tibghat l-atti lura lill-ewwel Qorti biex tkompli tisma' u tiddeciedi l-kawza. Spejjez tal-appell a karigu tal-appellant.

Silvio Camilleri
Prim Imhallef

Tonio Mallia
Imhallef

Joseph Azzopardi
Imhallef

Deputat Registratur
ld